Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 7 ta' Novembru 2022**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0348(COD)**

**14396/22**
**ADD 1**

**PECHE 436**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 4 ta' Novembru 2022 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 563 final - ANNEX |
| Suġġett: | ANNESSI tal- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona koperta mill-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 563 final - ANNEX.

---

Mehmuż: COM(2022) 563 final - ANNEX

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.11.2022
COM(2022) 563 final

ANNEXES 1 to 6

**ANNESSI**

**tal-**

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona koperta mill-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA)**

## ANNESS I

**Unitajiet ta' speċijiet indikaturi ta' VME**

Organiżmi kimosintetiċi (CXV) (ma hemmx unitajiet tassonomiċi speċifikati)

*Cnidaria* (CNI), li jekk ikun possibbli jistgħu jiġu dettaljati fir-rekords bħala: *Gorgonacea* (GGW) (Ordni), *Anthoathecatae* (AZN) (Ordni), *Stylasteridae* (AXT) (Familja), *Scleractinia* (CSS) (Ordni), *Antipatharia* (AQZ) (Ordni), *Zoantharia* (ZOT) (Ordni), *Actiniaria* (ATX) (Ordni), *Alcyonacea* (AJZ) (Ordni), *Pennatulacea* (NTW) (Ordni)

*Porifera* (PFR), li jekk ikun possibbli jistgħu jiġu dettaljati fir-rekords bħala: *Hexactinellida* (HXY) (Klassi), *Demospongiae* (DMO) (Klassi)

*Ascidiacea* (SSX) (Klassi)

Brijożoa (BZN) (Filu)

Brakjopodi (BRQ) (Filu)

*Pterobranchia* (HET)

*Serpulidae* (SZS) (Familja)

*Xenophyophora* (XEF) (Filu)

*Bathylasmatidae* (BWY) (Familja)

Krinojdi biz-zokk (CWD) (Klassi)

*Euryalida* (OEQ) (Ordni)

*Cidaroida* (CVD) (Ordni)

## ANNESS II

**Żoni Protetti B'Mod Temporanju**

Il-konfini ta' kull Żona hija linja li tibda mal-punt 1 u tkompli tul il-ġeodesiċi u sekwenzjalment tgħaqqad il-punti l-oħra taż-żona, imbagħad timxi fid-direzzjoni tal-Punent lura lejn il-punt tal-bidu.

Atlantis Bank

| Punt | Latitudni (S) | Lonġitudni (E) |
|---|---|---|
| 1 | 32 ° 00' | 57 ° 00' |
| 2 | 32 ° 50' | 57 ° 00' |
| 3 | 32 ° 50' | 58 ° 00' |
| 4 | 32 ° 00' | 58 ° 00' |

Coral

| Punt | Latitudni (S) | Lonġitudni (E) |
|---|---|---|
| 1 | 41 ° 00' | 42 ° 00' |
| 2 | 41 ° 40' | 42 ° 00' |
| 3 | 41 ° 40' | 44 ° 00' |

| | | |
|---|---|---|
| 4 | 41 ° 00' | 44 ° 00' |

Fools Flat

| Punt | Latitudni (S) | Lonġitudni (E) |
|---|---|---|
| 1 | 31°30' | 94 ° 40' |
| 2 | 31°40' | 94 ° 40' |
| 3 | 31°40' | 95 ° 00' |
| 4 | 31°30' | 95 ° 00' |

Middle of What

| Punt | Latitudni (S) | Lonġitudni (E) |
|---|---|---|
| 1 | 37 ° 54' | 50 ° 23' |
| 2 | 37 ° 56.5' | 50 ° 23' |
| 3 | 37 ° 56.5' | 50 ° 27' |
| 4 | 37 ° 54' | 50 ° 27' |

Walter's Shoal

| Punt | Latitudni (S) | Lonġitudni (E) |
|---|---|---|
| 1 | 33 ° 00' | 43 ° 10' |
| 2 | 33 ° 20' | 43 ° 10' |
| 3 | 33 ° 20' | 44 ° 10' |
| 4 | 33 ° 00' | 44 ° 10' |

## ANNESS III

### Lista ta' speċijiet ta' klieb il-baħar tal-fond ta' "riskju għoli" u "ta' tħassib"

| Isem xjentifiku | Isem komuni bil-Malti | Isem komuni bl-Ingliż | Kodiċi |
|---|---|---|---|
| *Centroscymnus coelolepis* | Mazzola Portugiża | Portuguese dogfish | CYO |
| *Deania calcea* | Mazzola munqar l- | Birdbeak dogfish | DCA |
| *Centrophorus granulosus* | Żagħrun | Gulper shark | GUP |
| *Dalatias licha* | Murruna sewda | Kitefin shark | SCK |
| *Bythaelurus bachi* | Gattarell ta' Bach | Bach's catshark | BZO |
| *Chimaera buccanigella* | Kimera ta' ħalqha skur | Dark-mouth chimaera | ZZC |
| *Chimaera didierae* | Kimera ta' Didier | The Falkor chimaera | ZZD |
| *Chimaera willwatchi* | Kimera fantażma tal- | Seafarer's ghostshark | ZZE |
| *Centroscymnus crepidater* | Mazzola bellusija | Longnose Velvet Dogfish | CYP |
| *Centroscymnus plunketi* | Kelb il-baħar plunket | Plunket shark | CYU |
| *Zameus squamulosus* | Kelb il-baħar bellusi | Velvet dogfish | SSQ |
| *Etmopterus alphus* | Mazzola tal-fanal b'ħaddejha bojod | Whitecheek lanternshark | EZU |
| *Apristurus indicus* | Gattarell b'żaqqu rqiqa | Smallbelly catshark | APD |
| *Harriotta raleighana* | Kimera ta' mneħerha twil | Bentnose rabbitfish | HCR |
| *Bythaelurus tenuicephalus* | Gattarell ta' rasu dejqa | Narrowhead catshark | BZL |
| *Chlamydoselachus anguinL-UEs* | Kelb il-baħar tal-frilli | Frilled shark | HXC |
| *Hexanchus nakamurai* | Murruna nakamurai | Bigeyed six-gill shark | HXN |
| *Etmopterus pusillus* | Mazzola tal-fanal minuri | Smooth lanternshark | ETP |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Somniosus antarcticus* | Kelb il-baħar tal-antartiku raqqadi? | Southern sleeper shark | SON |
| *Mitsukurina owstoni* | *Mitsukurina owstoni* | Goblin shark | LMO |

## ANNESS IV

**Standards tad-*Data* tal-Qabda u tal-Isforz tal-Bastiment**

1. Għandha tinġabar id-*data* li ġejja dwar l-attivitajiet tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd demersali tal-Unjoni:

| |
|---|
| **Sett ta' *data* - Attivitajiet tas-Sajd Ġenerali (Vjaġġ)**<br>L-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment (ISO 3-alpha)<br>Isem il-bastiment<br>Is-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju (jekk hemm)<br>Numru tar-reġistrazzjoni tal-bastiment (tal-Istat Membru tal-bandiera)<br>Numru Lloyd's/Numru OMI/ Numru IHS Fairplay (jekk hemm wieħed allokat)<br>Id-daqs tal-bastiment: Tunnellaġġ Gross (jista' jintuża t-tunnellaġġ gross reġistrat jekk ma jkunx disponibbli t-tunnellaġġ gross, jew jintużaw it-tnejn)<br>Isem il-persuna li qed iddaħħal id-*data* |
| **Fattur ta' Konverżjoni tal-Piż**<br>Speċi<br>Tip ta' pproċessar<br>Il-fattur ta' konverżjoni = piż ħaj/piż ipproċessat |
| **Informazzjoni dwar il-Kalata**<br>Speċi fil-mira (kodiċi tal-FAO)<br>Tip ta' sajd (C) kummerċjali; (R) riċerka; (S) *Data* mill-istħarriġ<br>Numru tal-ID tal-kalata |
| **Data u ħin tal-bidu tal-kalata** (Abbażi tal-Ħin Universali Koordinat (UTC))<br>Reġistrati mal-bidu u ma' tmiem is-sajd<br>Għall-bastimenti tas-sajd bil-konz - irreġistra mal-bidu u mat-tmiem tal-kalar, minbarra l-bidu u t-tmiem tal-kalata Format tad-data (SSSS.XXX.JJ)<br>Format tal-ħin (ss.mm) |
| **Pożizzjoni fil-bidu u fi tmiem is-sajd**<br>Latitudni<br>Lonġitudni<br>• Għall-bastimenti tas-sajd bil-konz: il-pożizzjoni tiġi rreġistrata fil-bidu u fi tmiem il-kalar<br>• Għas-sajd bix-xlief: irreġistra l-pożizzjoni tal-bastimenti mal-bidu u ma' tmiem l-operazzjoni tas-sajd |
| **Fond tal-Qiegħ (f'm)**<br>Dak irreġistrat mal-bidu u ma' tmiem is-sajd. |
| **Fond tas-sajd / tal-irkaptu (f'm)**<br>Dak irreġistrat mal-bidu u ma' tmiem is-sajd.<br>Għan-nases, huwa meħtieġ il-fond reali tas-sajd jew tal-irkaptu (f'm) irreġistrat fil-bidu tas-sajd. |

| |
|---|
| **Speċijiet miżmuma**<br>Stima tal-qabda miżmuma abbord skont l-unità tassonomika (il-kodiċi tal-FAO tal-ispeċi/tal-grupp/l-isem xjentifiku) f'kg ta' piż ħaj. |
| **Speċijiet skartati**<br>Stima tal-kwantità ta' riżorsi ħajjin tal-baħar skartati skont l-unità tassonomika, jekk ikun possibbli f'kg ta' piż ħaj |
| **Qabda aċċessorja ta' mammiferi tal-baħar, għasafar tal-baħar, rettili tal-baħar u "speċijiet oħrajn ta' tħassib"**<br>Iva / Le<br>Għal kull speċi li tinqabad<br>• Isem tassonomiku<br>• L-għadd ta' eżemplari ħajjin<br>• L-għadd ta' eżemplari mejtin jew korruti |

2. Għandha tinġabar id-*data* li ġejja dwar l-attivitajiet tas-sajd skont l-irkaptu li jintuża mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni:

| **Sett ta' *data* – Irkaptu** |
|---|
| **Konzijiet demersali**<br>Tip ta' konz (Spanjol, Trotline, konz awtomatiku)<br>Tul totali (f'm)<br>Tip ta' lixka<br>Id-daqs tas-snanar (f'mm)<br>L-ispazjar tas-snanar (f'm)<br>Kodiċi jew marka tas-snanar u t-Tul tal-konz (f'm)<br>Għadd ta' snanar kalati<br>Għadd ta' snanar f'kull grupp (jekk jintuża Trotline)<br>Għadd ta' snanar mitlufa (imqabbdin ma' biċċiet tal-konz mitlufa) |
| **Xlief**<br>Għadd ta' sajjieda involuti<br>Għadd ta' rfigħat ta' kull sajjied<br>Għadd ta' snanar ma' kull konz |

## ANNESS V

**Speċifikazzjoni tal-lett bl-infafar għall-bastimenti li jistadu bil-konzijiet demersali**




1. Il-lett bl-infafar għandu jitqabbad ma' bord ix-xellug jew ma' bord il-lemin tal-bastiment.
2. Il-lett bl-infafar għandu jkun twil mill-inqas 150 metru u jinkludi oġġett li jiġi rmunkat mit-tarf li jkun fil-baħar biex tinħoloq tensjoni li timmassimizza l-kopertura arjali. L-oġġett li jiġi rmunkat għandu jinżamm eżatt wara l-punt fejn ikun tqabbad il-lett mal-bastiment biex meta jkun hemm riħ trasversali l-parti tal-lett bl-infafar li tkun fl-arja tkun fuq il-konz tas-snanar.
3. Il-friegħi tal-infafar, li kull waħda minnhom tkun magħmula minn tubu (jew kurdiċella) tal-plastic ikkulurit b'dijametru ta' mill-inqas 3 millimetri, għandhom jitwaħħlu mhux aktar minn 5 metri minn xulxin, u jibdew 5 metri mill-punt fejn il-lett bl-infafar ikun twaħħal mal-bastiment, u mbagħad ikomplu mat-tul kollu ta' fuq tal-lett bl-infafar. Meta jintuża tubu għall-friegħi tal-infafar, dan irid ikun ta' tip magħmul apposta li jirreżisti r-radjazzjoni ultravjola.
4. It-tul tal-infafar għandu jkun bejn it-tulijiet minimi ta' 6,5 metri man-naħa tal-poppa sa metru mat-tarf tan-naħa tal-baħar. Meta jkun skjerat kompletament il-lett bl-infafar, il-friegħi tal-infafar għandhom ikunu twal biżżejjed biex jaslu sa wiċċ il-baħar meta ma jkunx hemm riħ u mewġ. Għandhom jitqiegħdu t-torniketti jew xi apparat simili mal-lett bl-infafar biex l-infafar ma jiddawrux mal-lett. Kull nuffara fuq fergħa jista' wkoll ikollha tornikett jew xi apparat ieħor mal-punt fejn titwaħħal mal-lett biex l-infafar individwali ma jitħammġux.
5. Għandu jinżamm abbord lett bl-infafar żejjed li jkun jista' jintuża jekk l-ewwel wieħed jintilef jew issirlu xi ħsara.

Il-bastimenti li jistadu bil-konzijiet demersali b'tul ta' 25 metru jew iżjed

6. Kull lett bl-infafar għandu jitqabbad ma' punt li jkun mill-inqas 7 m 'il fuq mill-ilma man-naħa ta' wara tal-punt fejn il-kalament jidħol ġol-ilma.

Il-bastimenti li jistadu bil-konzijiet demersali b'tul ta' 25 metru jew inqas

7. Kull lett bl-infafar għandu jitqabbad ma' punt li jkun mill-inqas 6 m 'il fuq mill-ilma man-naħa ta' wara tal-punt fejn il-kalament jidħol ġol-ilma.
8. L-infafar jistgħu jiġu mmodifikati matul l-ewwel 15-il metru biex kemm jista' jkun ma

jitħabblux.

9. Il-lett bl-infafar għandu jestendi mill-inqas 75 metru fl-ajru meta l-kalar isir f'veloċità ta' 4 knots, jew 50 metru meta l-kalar isir f'veloċità ta' inqas minn 4 knots.

## ANNESS VI

**Speċifikazzjoni tal-apparati għall-esklużjoni tal-għasafar għall-bastimenti li jistadu bil-konzijiet demersali**

L-apparati għall-esklużjoni tal-għasafar għandu jkollhom il-karatteristiċi li ġejjin meta jintużaw:

1. igerrxu l-għasafar biex ma jtirux eżattament fiż-żona fejn ikun qed jiġi rmunkat il-konz; u
2. ma jħallux l-għasafar li jkunu fuq wiċċ l-ilma jidħlu fiż-żona fejn qed jiġi rmunkat il-konz.